




**Manuel Casha**

Imwieled il-Kalkara, Mannie, kif inhu aktar magħruf, emigra lejn l-Awstralja, fejn għadu jgħix sal-lum il-ġurnata. Jista' jitqies mhux biss patrijott tal-Kalkara, iżda ta' Malta, tant li jikteb u anki jikkonponi mużika dwar art twelidu. Huwa wkoll studjuż u riċerkatur dwar l-għana Malti.

# Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann

## *(Memorji tat-tfulija fil-Kalkara fis-snin ħamsin u sittin)*

Il-ħuġġieġa ta' San Ġwann kienet tradizzjoni li ħafna rħula f'Malta kienu josservaw u jiċċelebraw f'Ġunju ta' kull sena. Għalkemm il-lum m'għadix mogħtija l-istess importanza fis-soċjetà moderna, għalina t-tfal Kalkariżi ta' dak iż-żmien kienet ċelebrazzjoni u avveniment li konna nistennew matul is-sena.

Kulħadd kien jaf u jaċċetta li din il-festa ta' San Ġwann kienet speċjali għal raġunijiet reliġjużi, imma għalina, l-aktar ħaġa li kienet tinteressana kienet il-ħuġġieġa, li kienet issir fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż.

Fejn kont ngħix jien, fil-Kalkara, kien hemm għalqa li konna nsejħulha 'l-Għalqa tal-Fondoq', lejn in-naħa tas-Sienja, u kien hawn, li ta' kull sena, konna nibdew inħejju u nġemmgħu bċejjeċ tal-għamara antika, laqx, injam u zkuk, u affarijiet oħra li kienu jistgħu jinħarqu fil-jum mistenni, u ħallina nitfugħhom fuq il-post magħżul biex issir il-ħuġġieġa.

Aħna t-tfal kellna parti kbira f'din iċ-ċelebrazzjoni għax konna nibdew infittxu affarijiet addattati biex inkaxkru lejn il-borġ għall-ħruq. In-nies xi drabi kienu jistennew dan il-jum għax kien ikollhom opportunità biex jeħilsu minn ċertu imbarazz u raċanċ u jsarrfuh f'duħħan f'jum il-ħuġġieġa.

Imma għalkemm aħna konna mmoru ngħinu niġbru l-affarijiet għall-ħruq fis-subborg tagħna, kien hemm ċertu nies, akbar minna fl-età, li kienu jorganizzaw il-borġ ta' affarijiet għall-ħruq li sakemm jasal il-jum tal-ħuġġieġa ġieli kien jikber sa għoxrin pied għoli u ftit akbar fil-wisa'.

Imbagħad kien hemm minn jipprepara t-trajbu, li kienu jlibbsuh bi ħwejjeġ u kappel grottesk u xi lasta jew xkupa f'idejh. Fi tfuliti qatt ma fhimt sewwa lil min, jew x'kien jirrappreżenta dan il-bniedem tat-tiben. U biex ngħidilkom is-sewwa kull meta staqsejt bħala tifel kurjuż kont naqla' ħars bl-ikrah.

Ħaġa tal-iskantament, li għalkemm ta' tifel li kont ma kontx nifhem l-għaliex ħadd qatt ma rrispondieli din il-mistoqsija, imma l-istint kien jgħidli, kieku rieduk tkun taf kienu jgħidulek. U kont inħalli kollox għaddej. Il-biċċa l-kbira ta' sħabi kienu l-istess, imma xi uħud minnhom kienu aktar preżuntużi u kurjużi u kienu jagħtu l-ispjegazzjoni tagħhom, li lili qatt ma kkonvinċitni.



*L-inħawi ta' fuq tal-Kalkara fis-snin 50.*

Imbagħad kien jasal jum il-ħuġġieġa.

F'pajjiżi dejjem kienu jiżguraw li l-ħuġġieġa issir fl-għola post tal-pajjiż biex tidher mill- Kottonera kollha u b'hekk nuru li tagħna kienet l-isbaħ u l-aħjar. Imma il-vantaġġ li kellna, billi 'tal-Fondoq' kien post fil-għoli, konna nitilfuh biċ-ċokon tal-popolazzjoni tal-Kalkara u n-numru żgħir ta' nies li kienu jgħixu fiha f'dak iż-żmien. L-ibliet fil-qrib kellhom popolazzjoni ferm akbar, li kienet issaraf f'ħuġġieġa akbar u aktar nies jgħinu għas-suċċess tal-ġbir għall-ħuġġieġa.

Jum il-ħuġġieġa aħna konna nitilgħu f' "l-Għalqa tal-Fondoq" xi siegħa qabel biex nibdew niftaħru bil-biċċiet li konna ġbarna b'mod personali. "Qed tara dik il-komodina? Dik jien u sħabi tellajnieha hawn, u tagħtilna dik ix-xwejħa li toqgħod fl-isqaq. U xi tgħiduli għal dak l-injam li ġbarna mingħand Lorry tal-Għamara? Issa stennew biex taraw kif ser jivvampja!"

Xi nofs siegħa qabel ikebbess in-nar, dak li kien jagħmel it-trajbu kien iġibu bil-karetta u jlestih biex iqiegħdu fuq l-għola post tal-ħuġġieġa. Niftakar li xi ħadd kien iġib sellum u r-raġel tat-trajbu kien jitfgħu fuq spalltu u jitla' s-sellum biex ippoġġieh fil-quċċata tal-borġ il-kbir.

Il-ħuġġieġa issa kienet lesta lest biex tinxtgħel. Sadanittant in-nies tal-

Kalkara kienu jinġabru bi ħġarhom. Hawn is-sens soċjali u komunitarju kien fl-aqwa tiegħu għax kulħadd jinġabar madwar il-ħuġġieġa biex jistennew il-mument tant antiċipat.



*Ix-xatt tal-Kalkara fis-snin 50.*

Aħna t-tfal konna dejjem inġibu ruħna ta' tfal li konna u mhux l-ewwel darba li xi ħadd minna kien ipoġġi xi żewġ balal tal-festi f'xi kexxun tal-għamara li konna nkunu ġbarna għall-ħuġġieġa. Alla ħares konna ninqabdu għax konna niġu f'għawġ kbir mal-organizzaturi u mal-Kappillan. U ngħiduha kif inhi, kellhom mitt raġun għax il-balla kienet tisplodi u ttir, u kienet tista' tkorri jew tagħmi lil xi ħadd.

Kull tant kien jiġi l-Kappillan Xuereb, jew Dun Spir jew Dun Salv, u jbierak il-ħuġġieġa u jgħid talba, qabel tittkebbes, imma ma niftakarx jekk kienx jiġi ta' kull sena. Imbagħad l-organizzaturi kienu jroxxu ftit pitrolju madwar xi tiben imqiegħed f'ċirku madwar il-ħuġġieġa biex malli jaqbad it-tiben, il-ħuġġieġa tieħu mill-ewwel, imbagħad ħalli l-ilsna tan-nar jisfnu fl-għoli!

Meta mbagħad kien isir il-ħin u jkun waqa' d-dlam sewwa xi ħadd kien jixgħel sulfarina…imbagħad jixgħel torċa…u hawn l-anteċipazjoni kienet tkun fl-aqwa tagħha għax issa jkun wasal il-mument antiċipat minna t-tfal għal sena sħiħa.

Dak tat-torċa kien jersaq lejn il-ħuġġieġa bil mod u jmiss biha ċ-ċirku tat-tiben li kien idawwar il-perimetru tal-ħuġġieġa.

Malli t-torċa kienet tagħmel kuntatt ma' dak it-tiben im-xarrab bil-petrol, in-nar kien jikber mill-ewwel. U f'kemm ili ngħidilkom in-nar kien idur ċirku max-xif-er tal-ħuġġieġa waqt li kienet tistema' għajta kbira ġejja minn nies miġburin biex jarawha.



*Id-daħla tal-Kalkara fis-snin 50.*

Aħna ta' tfal li konna, konna nisten-new il-bċejjeċ li nkunu ġbarna aħna biex jinħarqu u konna nħossuna kburin bil-kontribuzzjoni tagħna ta' din is-sena. Meta imbagħad in-nar kien jikber sewwa, l-Għalqa tal-Fon-doq, u infatti l-pajjiż kollu, kien donnu jiddawwal u tħares minn fejn tħares, il-ħuġġieġa kienet tkun il-qalba tal-attenzjoni.

Fil-bogħod konna naraw xi ħmura ġejja minn ħġejjeġ oħra fl-ibliet fil-qrib, imma f'moħħna, tagħna kienet l-aqwa u l-isbaħ.

Meta il-ħuġġieġa kienet tieħu sew-wa, kien ikun baqa' biss ħaġa oħra x'nistennew: il-ħruq tat-trajbu. Għalhekk meta t-trajbu kien jieħu n-nar kien iqum bħal żuffjett bejn il-fol-la, bħal li kieku kien jintlaħaq l-għan taċ-ċelebrazzjoni. U issa il-ħuġġieġa tkun laħqet l-għan tagħha.

Wara ċertu ħin in-nies jibdew jonqsu u jirritornaw lejn djarhom u għalina jkun sar il-ħin biex imorru d-dar ukoll. Il-ħuġġieġa gieli kienet iddum taqbad għal jumejn u kienet titħalla taqbad sakemm tintefa waħedha.

Ħaġa kurjuża għalija llum hi li ma niftakarx trakkijiet tat-tifi tan-nar ipparkjati fil-qrib għal-lest fil-każ jinqala' xi ħaġa. Imma d-dinja ta' tfuliti fil-Kalkara kienet dinj'oħra, fejn donnu kollox kien mistenni jispiċċa b'wiċċ il-gid…u l-biċċa l-kbira dejjem hekk kien.

L-għada aħna t-tfal konna ninsew il-ħuġġieġa u naqbdu nitkellmu fuq ir-regatta li dalwaqt tasal. U l-istess grupp ta' tfal kien jiltaqa' fil-ħanut ta' Ċensu Pulè biex narawh jaħdem fuq id-dgħajsa tal-midalji.

U l-ħajja dejjem għaddejja…
u l-ħin dejjem jinħaraq…
bħall-ħuġġieġa ta' San Ġwann.

(*Mis-sensiela "Stejjer Mill-Gżejjer" li għadha tixxandar fuq l-SBS Radio Melbourne, l-Awstralja. Stejjer tat-tfulija f'Malta partikolarment f'raħal tfuliti, fil-Kalkara.*)

**www.manuelcasha.com**

